# IL-KOR Tal-Knisja tax-Xlendi (1)
# "STELLA MARIS"
## kitba tal-Kan. Giovanni Cremona



Arma tal-kor tal-knisja tax-Xlendi
'STELLA MARIS'
disinn oriġinali tas-Sem Joseph Farrugia 1973

**DAĦLA**
Nista' ngħid li dak li snin ilu kien magħruf bħala Kor "Stella Maris" tal-Knisja tax-Xlendi, jaf il-bidu tiegħu nhar is-16 ta' Lulju 1968. F'dan il juum fil-Knisja tax-Xlendi, biet tintiseġ ġrajja storika oħra, ma dawk li ġa kienu seħħu.
Il-ħidma u l-bżulija tat-tfal, membri tal-Kor, aktar qajmet entużjażmu fil-poplu għall-knisja tagħna. Bis-sehem tal-Kor il-funzjonijiet fil-Knisja saru aktar sbieħ u solenni. Dak inhar tas-16 ta' Lulju 1968, nhar il-festa Liturġika tal-Madonna tal-Karmnu, ix-"Xlendi Choir" (għax dan kien l-ewwel isem tiegħu) ħa sehem għall-ewwel darba fil-pubbliku. Fl-istess okkażjoni ġie nawgurat "Harmonium" ġdid li kien irregalat lil Knisja tax-Xlendi minn Dun Salv Debrincat, Kappillan tal-Munxar.

Dwar l-ewwel ħidmiet tal-Kor, fil-Kronaka nsibu: "Nhar ta' Sibt dejjem saret laqgħa tal-kant. L-ismijiet tal-ewwel membir tal-kor huma: John Cremona, Carmel Schembri, John Thewma, Anton Schembri, Salvino Cremona."

L-idea biex jitwaqqaf Kor fil-Knisja tax-Xlendi, kienet tal-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Ġużepp Curmi u Dun Albert Curmi. Infatti minn dak inhar tal-bidu tal-Kor, dawn iż-żewġ qassisin (illum mejtin) qatt ma hedew jaħdmu u jistinkaw ħalli l-Kor jimxi aktar 'l quddiem. Fil bidu tiegħu x-"Xlendi Choir" kellhu bħala Surmast lis-Sur Carmel Schembri.




Is-Surmast Carmel Schembri wettaq bl-akbar reqqa u ħeġġa l-membri tiegħu bħala Surmast tal-Kor tax-Xlendi. Il-ħidma tiegħu għal Kor kienet ferm meħtieġa, meta nafu li l-Kor kien għadu fl-ewwel snin tal-ħajja tiegħu. Hu kellu jgħallem lill-membri l-kant. Hu kellu jnissel fihom sens ta' responsabbilita' u dixxiplina ħalli l-laqgħat u l-kunċerti jsiru sewwa u regolari. Minnu kien jiddependi l-futur ikraħ jew sabiħ tal-Kor tax-Xlendi.

**KULL BIDU HU DIFFIĊLI**
Iżda avolja b'dan l-entużjażmu kollu, fil-bidu tiegħu l-Kor tal-Knisja tax-Xlendi, sab diffikultajiet kbar. Mill-esperjenza tal-ħajja, kulħadd jaf li ftit jew wisq kull bidu hu diffiċli. Wisq u wisq iżjed hu diffiċli l-bidu ta' attivita' jew soċjeta' kulturali u mużikali. Il-lista ta' l-ewwel membri tal-Kor, turina kemm ftit kienu fin-numru u allura avolja b'rieda qawwija ftit setgħu jaħdmu u jorganizzaw. Fl-ewwel attivitajiet tagħhom ġie li flok suċċess kisbu telfa. Quddiem dan kollu l-Kor kien wasal għat-tmiem. Imma bil-ħila tal-Kappillan Dun Ġużepp Curmi u ta' Dun Albert Curmi, bil-kunċerti ta' spiss u b'rieda tal-azzar tal-membri, bil-mod il-mod il-fott beda ħiereġ. Nhar is-27 ta' Settembru 1968, il-Kor ħa sehem f'Quddiesa Funebri b'suffraġju tal-Arċipriet ta' Bormla, Kan. Dun Ġużepp Cassar, Benefattur tal-Knisja tax-Xlendi, li kien ikun fix-Xlendi, s-Sajf kollu flimkien ma oħtu Ester (illum mejta wkoll). Kien minn din l-okkażjoni li l-Kor beda jieħu isem tajjeb. Din il-ġrajja storika li bdiet tintiseġ fl-annali tal-Knisja tax-Xlendi, ma kelliex tkun bħala għajta fid-deżert jew bħal ħajja li tmut fuq ġuf ommha. Il-Kor tax-Xlendi darba mwaqqaf kellu jinseġ paġni tad-deheb fi ġrajjiet il-bajja li fiha twieled.



**IL-FESTI ĊENTINARJI**
Fis-sena 1969, saru l-Festi ċentinarji, f'għeluq il-mitt sena mill-bini tal-Knisja tax-Xlendi. Kien eżattament il-Ħadd 17 t'Awwissu 1969, meta l-E.T. l-Isqof Nikol Cauchi, dak inhar Amministratur Apostoliku, bierek u poġġa l-Ewwel Ġebla

għat-tkabbir tal-Knisja. F'din l-okkażjoni u anke matul il-Festi ċentinarji kollha, il-kant kien esegwit mill-Kor tax-Xlendi. Sa dan it-tant in-numru tal-membri tal-Kor kien żdied.

l-4, 5, 6 t'Awwissu 1971, kellna għall-ewwel darba fil-Knisja tax-Xlendi, il-Kwaranturi Mqaddsa, Matul dawn il-jiem fil-Funzjonijiet ħa sehem attiv il-Kor tagħna, b'kant reliġjuż.





**SERVIZZI TAL-KOR FIL-KNISJA L-QADIMA TAX-XLENDI**

Matul is-sena 1970, ix-"Xlendi Choir" ma kellux ebda attivita' speċjali, ħlief dawk li huma l-Funzjonijiet tal-Knisja li fihom ħa sehem. Iżda b'danakollu ma naqsux li jsiru l-laqgħat u kunċerti regolari. Minn żmien għal żmien il-membri kien ikollhom ħarġiet divertenti, ħarġiet edukattivi f'Malta u Għawdex, parties u ikliet. Dawn kienu jsiru għax huma essenzjali għall-ħajja tal-Kor. Bihom il-membri jitħajjru jibqgħu aktar fil-Kor u anke jidħlu oħrajn ġodda.

Fil-bidu tas-Sajf 1971 bl-inizjattiva tax-Xlendi Choir ġie stampat ktejjeb tal-kant ċiklustat, għal idejn in-nies. Fl-istess żmien daħlu bħala membri tal-kor xi tfajliet u fis-26 ta' Lulju 1971 kellna "Folk Mass" bid-daqq tal-kitarri. Nhar

F'dan iż-żmien ix-"Xlendi Choir" kien fl-aħjar epoka tiegħu. Imma t-tajjeb ftit tgawdieh. Infatti fis-sena 1972 il-Kor tax-Xlendi spiċċa bla Surmast. Is-Sur Carmel Schembri, minħabba raġunijiet personali kellu jitlaq il-kariga ta' Surmast tax-"Xlendi Choir". Kor bla Surmast ma'jiswa'xejn. Għalhekk Dun Ġużepp Curmi, il-Kappilan għoġbu jaħtar lis-Seminarista Giovanni Bosco Cremona, bħala t-Tieni Surmast tax-Xlendi Choir. Is-Surmast Cremona, kien ġa magħruf wisq tajjeb għall-ħidma tiegħu bħala sagristan tal-Knisja tax-Xlendi. Ħidma li kien beda jwettaqha fit-3 t'Awwissu 1963. Is-Seminarista Giovanni Cremona daħal għal din il-kariga ġdida bl-istess entużjażmu u dedikazzjoni li bihom kien qed jaqdi l-ħidma ta' sagristan.

